MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2001

Rikors Numru. 2293/2000/1

**Francis X. sive Moses AQUILINA**

**vs**

**David K. AQUILINA f'ismu proprju u in rapprezentanza ta' INDAMAR Ltd.**

**Il-Qorti,**

Dan huwa Degriet moghti taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 173 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' Malta (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) wara degriet moghti minn din il-Qorti waqt is-smiegh fis-6 ta' Dicembru, 2000;

Il-Qorti qeghda b'dan id-Degriet tipprovdi dwar talba maghmula mir-rikorrent David K. Aquilina f'ismu proprju, fis-sens li qed jitlob li jigu mehmuza ma' l-atti ta' dan ir-Rikors, l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 3484/00 dekretat minn din il-Qorti (diversament kostitwita) fl-24 t'Ottubru, 2000;

Ghal din it-talba, l-intimat Francis X. sive Moses Aquilina ressaq oposizzjoni;

Illi l-att promotur huwa rikors, imressaq minn David K. Aquilina, that id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836(1) (b) (d) u (f) tal-Kap 12, biex iwaqqa' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju (Numru 3483/2000) mahrug mill-intimat fit-28 ta' Settembru, 2000;

Illi fit-twegiba tieghu, madankollu, l-intimat jghid li mhux talli l-imsemmi Mandat Kawtelatorju m'ghandhux jitnehha, talli izda hu kien ghal kollox gustifikat milli johrog mandati ohrajn, inkluz dak li kopja tieghu qeghda tintalab li tigi mehmuza mal-atti ta' dan ir-Rikors;

Illi, skond il-ligi, l-atti tal-Qorti huma ammissibbli bhala prova u huma jipprovaw dak li fihom [art 627 (e) tal-Kap 12];

Illi, l-Mandat li tieghu kopja qeghda tintalab li tigi mehmuza mal-atti ta’ dan ir-Rikors inhareg fl-istess kuntest tal-Mandat li tieghu qieghed jintalab it-thassir b’dawn il-proceduri;

Illi l-allegazzjoni ta’ atti gudizzjarji ma’ atti gudizzjarji ohrjn tghin biex tqassar it-tul tal-proceduri jew li taghti stampa izjed cara ta’ l-procediment nfushom;

Illi, ghalhekk, jidher “prima facie” li t-talba tar-rikorrent hija misthoqqa u ghandha tintlaqa’;

Il-Qorti ghalhekk, qeghda **tilqa’ t-talba** u tordna li kopja tal-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 3484/00 dekretat fl-24 t’Ottubru, 2000, ghandha tigi allegata mal-atti ta’ dan ir-Rikors a kura tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------